# <u>Tribunal Industrijali</u>

**<u>Chairperson: Dott. Marouska Debono LL.D.</u>**

**<u>Decizjoni Nru. 2835</u>**

**<u>Kaz Nru: 3016/MD</u>**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**David Mercieca (423765M)**

**u**

**Korporazzjoni EneMalta**

*Dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

Illum 13 ta' Gunju, 2022

Chairperson: Dr. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law

## 1. Introduzzjoni

Illi r-rikorrent David Mercieca pprezenta l-kaz tieghu fit-3 ta' Frar tas-sena 2019[1] fejn talab lit-Tribunal sabiex:

a) Jiddikjara illi r-riorganizzjoni li saret bl-introduzzjoni tal-Station Upkeep u bl-impjegati kif gew assenjati jahdmu fl-istation imsemmija saret b'mod zbaljat u skorret ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, tant li l-Korporazzjoni EneMalta agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' l-esponent, ai termini ta' l-Artikoliu 26 ta' l-Att XXII tas-sena 2002.

b) In linea mat-talba hawn fuq maghmulha, tordna lil Korporazzjoni intimata sabiex tirrimedja ghall-ingustizzja u d-diskriminazzjoni li saret ma' l-esponent, u dan billi l-istess korporazzjoni EneMalta tikkumpensa kull telf li sofra, qed isofri sakemm jinghata r-rimedju hawn fuq mitlub.

c) Jaghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz sabiex kull ingustizzja u diskriminazzjoni li saret fil-konfront ta' l-esponent tigi rimedjata mill-

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Korporazzjoni intimata, inkluz il-kundanna ta' hlas ta' kumpens lill-esponent kif hawn fuq mitlub ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Ra d-decizjoni tat-Tribunal diversament presedut datata 28 ta' Jannar, 2019[2] fejn gie deciz is-segwenti:

*It-Tribunal wara li sema x-xhieda, ra d-dokumenti u sema t-trattazjoni tal-partijiet jiddeciedi billi r-rikorrenti ma ppruvaw l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u b'hekk tintemm il-kawza l-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet indaqs bejniethom.*

Ra li d-decizjoni moghtija mit-Tribunal giet appellate, fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddecidiet is-segwenti[3]:

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell kif isegwi:*

*- tilqa' l-aggravji tal-appellant u konsegwentement tilqa' l-appell odjern u tghaddi sabiex tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet premessi,*

*- tilqa' l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur tar-rikorrent datat 2 ta' Mejju 2012 u tiddikjara li r-riorganizzazzjoni li saret bl-introduzzjoni tal-iStation UpKeep u bl-impjegati kif gew assenjati jahdmu fl-istation msemmija saret b'mod zbaljat u skorrett ghar-raguni li r-rikorrent ma nghatax l-opportunita' li japplika ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader' b'dana li l- Korporazzjoni Enemalta agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' l-appellant David Mercieca, ai termini ta' l-artikolu 26 (1) (b) u 26 (2) (c) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*- tirrinvija lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali diversament kompost sabiex in linea ma' dak hawn fuq deciz jitkomplew il-proceduri u jigu decizi t-tieni u t-tielet talba tar- rikorrent.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-Korporazzjoni appellata.*

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali mressqa, in-noti dwar il-kumpens u t-trattazzjoni orali.

---

[2] *A fol* 220 *et seq* tal-process.

[3] Appell Nru: 9/2019, datat 11 ta' Ottubru, 2019.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni u t-tielet talba stante li l-ewwel talba giet deciza quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

## 2. Fatti fil-Qosor

Ir-rikorrent kien impjegat mal-Korporazzjoni ntimata bhala apprentist mill-1 ta' April, 1985, fis-sezzjoni tal-*generation workshop* bhala *mechanical fitter*. Fid-29 ta' Lulju, 1988, ir-rikorrent gie mpjegat *full-time* fi skala 14. F'Mejju 2006 harget sejha interna ghall-*Building & Maintenance Structure Officer* fi skala 11 u kien applika fejn kien gie l-ewwel. Fis-sena 2011, il-Korporazzjoni Enemalta tat bidu ghal riformi fis-sezzjonijiet, fosthom fis-sezzjoni li kien jahdem fiha ir-rikorrent, fejn b'ittra datata 24 ta' Jannar, 2012 kien gie informat illi kien inghata l-grad ta' *Assistant Shift Leader (Station Upkeep)* b'effett mill-14 ta' Mejju, 2010, fi skala 10. B'ittra legali datata 16 ta' Marzu, 2012, ir-rikorrent oggezzjona ghall fatt li b'din ir-riforma huwa kien safa diskriminat u dan in vista tal-fatt illi huwa kien l-uniku haddiem li gie elevat skala wahda, minn skala 11 ghal skala 10, filwaqt illi l-haddiema l-ohra fis-sezzjoni tal-*Istation Upkeep* kollha kienu gew elevati minn zewg sa erba skali. Il-Korporazzjoni Enemalta, b'ittra datata 21 ta' Marzu, 2012 irrispondiet li l-iskali tqassmu skont ir-responsabilitajiet u t-teknika li huma necessarji ghal-kariga in kwistjoni.

Il-Qorti tal-Appell laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u cioe' li r-rikorrent gie diskriminat mill-Korporazzjoni EneMalta u ghaddiet l-atti quddiem dan it-Tribunal sabiex wara li jisma' it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent jiddeciedi fuq kumpens ekwu u gust.

## 3. Xhieda fir-rigward tal-kumpens

Ra x-xhieda ta' **l-Ing. Patrick Gauci**[4] li rrikonoxxa nota pprezentata mill-Engineeirng Resources Limitd fejn fiha kien hemm anness matrix tal-beneficcji, pagi, salarji, allowances u dak kollu li hemm differenza ghar-rigward tar-rikorrent. Kompla jispjega li r-rikorrent ghamel seba' snin bil-kawza quddiem it-Tribunal fejn talab li minn skala 10 kellu jiehu skala 9 u inhadmu l-arretrati li kellu jiehu sa end of payroll 3 li kienet tigi sa Marzu 2020. L-ammont sa Marzu 2020 kien ta' €16,719, liema ammont hadem huwa izda talab l-ghajnuna ta' kollegi tieghu.

Ra x-xhieda ta' **David Mercieca**[5] fejn spjega kif shabu inghataw l-iskali. Spjega li huwa sofra diskriminazzjoni ghaliex fejn shabu l-ohrajn telghu iktar minn skala u cioe' gew skala 7, hu ma inghatatlux dik l-opportunita'. Hu qieghed ibati sal-gurnata prezenti ghaliex qed jigi umiljat ghax hu mhux qed jaghmel ix-xoghol li suppost kellu jaghmel.

## 4. Trattazzjoni tal-partijiet

[4] A fol 279 et seq tal-process, xhieda datata 24 ta' Novembru 2020.
[5] A fol 281 et seq tal-process.

Ra t-trattazzjoni fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba rikorrenti fejn ir-rikorrent permezz tal-avukat tieghu qal illi huwa qed jaqbel mas-somma ta' €18,201 u cioe' s-somma hekk kif mahduma mill-Korporazzjoni EneMalta ghaliex il-Korporazzjoni ghandha d-dettalji u ghalhekk dan l-ammont li hija s-somma mahduma hekk kif gie ordnat mill-Qorti tal-Appell sal-ahhar tas-sena 2020 u ma huwiex qed jigi kkontestat. Kompla jghid li, r-rikorrent stenna ghaxar snin sabiex jiehu l-grad hekk kif ordnat mill-Qorti tal-Appell u ghalhekk it-Tribunal ghandu jidhol fil-kwistjoni tad-danni morali.

Il-Korporazzjoni EneMalta permezz tal-avukat taghha, min-naha l-ohra qalet illi dan it-Tribunal m'ghandux jidhol fid-danni morali, u li stante li l-Korporazzjoni qablet li tghaddi s-somma tal-ahhar ghaxar snin, l-istorja ghandha tieqaf hawn.

## 5. Kunsiderazzjonijiet

Ikkunsidra li l-Qorti tal-Appell fid-decizjoni datata 28 ta' Jannar, 2019 irrevokat id-decizjoni tat-Tribunal diversament presjedut fejn laqghet l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur tar-rikorrent datat 2 ta' Mejju 2012,

> *u tiddikjara li r-riorganizzazzjoni li saret bl-introduzzjoni tal-iStation UpKeep u bl-impjegati kif gew assenjati jahdmu fl-istation msemmija saret b'mod zbaljat u skorrett ghar-raguni li r-rikorrent ma nghatax l-opportunita' li japplika ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader' b'dana li l- Korporazzjoni Enemalta agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' l-appellant David Mercieca, ai termini ta' l-artikolu 26 (1) (b) u 26 (2) (c) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u irrinvijat lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali diversament kompost sabiex in linea ma' dak hawn fuq deciz jitkomplew il-proceduri u jigu decizi t-tieni u t-tielet talba tar- rikorrent.*

Illi ghalhekk dan it Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet talba.

It-Tribunal ser jibda billi jiddeciedi t-tieni talba tar-rikorrent u cioe' **in linea mat-talba hawn fuq maghmulha, tordna lil Korporazzjoni intimata sabiex tirrimedja ghall-ingustizzja u d-diskriminazzjoni li saret ma' l-esponent, u dan billi l-istess korporazzjoni EneMalta tikkumpensa kull telf li sofra, qed isofri sakemm jinghata r-rimedju hawn fuq mitlub.**

Il-Korporazzjoni intimata pprezentat il-kalkoli taghha fir-rigward tar-rikorrent fejn l-Ing. Patrick Gauci[6] spjega li l-kalkoli gew aggornati u li kienu jinkludu sal-ahhar tas-sena 2020.[7] Kompla jispjega li l-kalkoli jinkludu it-*total basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances*. Meta hadem il-kalkolu hadmu fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u l-ammont gie ikkalkulat fuq il-posizzjoni ta' skala 9 liema somma hija ta' €18,202.

Illi r-rikorrent fit-trattazzjoni tieghu qal:[8]

---

[6] A fol 294 et seq tal-process.
[7] Afol 287 et seq tal-process.
[8] A fol 300 et seq

*Ahna ghalhekk m'ahniex qed nikkontstaw il-workings li ghamel l-Ing. Gauci u s-somma li taghna llum ghall-anqas minn zmien ghal zmien ir-riforma kif gie ordnat mill-Qorti tal-Appell sal-lum jew sal-ahhar tas-sena 2020 proprja, dak l-ammont ta' 18,201 u skont kif hdimtha jien xi centezimi, dak huwa l-ammont illi qed jaqblu fuqu in-naha l-ohra u ahna qed naccettawh ukoll ghaliex id-dettalji qeghdin aktar f'idejhom u m'ahniex nikkontestawhom.*

L-ammont imsemmi jidher li ma huwiex ikkontestat mill-rikorrent, ghalhekk il-Korporazzjoni EneMalta ghandha tghaddi l-ammont ta' €18,202 lir-rikorrent li jirraprezentaw *basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances* dovuti lilu kieku inghata l-skala 9 sa mis-sena 2010 sal-ahhar tas-sena, 2020.

Mix-xhieda tal-istess Inginier jirrizulta wkoll li l-posizzjoni ta' skala 9 f'Jannar, 2021 kienet disponibbli sabiex tinghata lir-rikorrent:

| | |
|---|---|
| *Dr. L. Cuschieri:* | *U l-ahhar mistoqsija, l-pozizzjoni ta' dan il-livell tan-9 huwa available li jinghata, jigifieri ha jkun jista' jinghatalu? Fizikament jista' jinghatalu* |
| *Ing. P. Gauci:* | *Iva*[9] |

Ghaldaqstant, it-Tribunal ser jilqa' it-tieni talba billi jillikwida l-ammont ta' €18,202 liema somma tirrifletti dak dovut mis-sena 2010 sas sena 2020, b'dana illi jekk il-Korporazzjoni intimata tat il-post fi skala 9 qabel id-data tas-sentenza, s-somma likwidata ghandha tinkludi wkoll l-arretrati ta' *total basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances* sa dik id-data u jekk il-Korporazzjoni intimata tkun ghadha ma tatx il-posizzjoni f'livell 9 lir-rikorrent sad-data tas-sentenza, s-somma likwidata ghandha tinkludi wkoll l-arretrati ta' *total basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances* sad-data tas-sentenza, filwaqt li tordna lil-Korporazzjoni EneMalta sabiex taghti l-posizzjoni fuq livell 9 lir-rikorrent fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jekk il-post huwa disponibbli .

It-Tribunal issa ser jghaddi sabiex jicceciedi dwar it-tielet talba u cioe' **jaghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz sabiex kull ingustizzja u diskriminazzjoni li saret fil-konfront ta' l-esponent tigi rimedjata mill-Korporazzjoni intimata, inkluz il-kundanna ta' hlas ta' kumpens lill-esponent kif hawn fuq mitlub ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.**

Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha qalet:

*Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-ahjar rimedju fil-kaz odjern huwa li r-rikorrent jithallas kumpens ekwu u gust ghall-ingustizzja sofferta minnu fit-termini tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta liema kumpens ghandu jiehu kont kemm id-danni morali f'dan il-kaz partikolari sofferti mir-rikorrent mis-semplici raguni li huwa ma thalliex japplika u thalla f'din is-sitwazzjoni ghal dawn l-ahhar seba' snin (irrilevanti mill-*

[9] A fol 298 tal-process, xhieda datata 11 ta' Jannar, 2021

*fatt jekk lura fl-2012 kienx jintghazel jew le fil-posizzjoni ta' 'shift-leader') kif ukoll danni reali konsegwenti mid-differenza fil-paga mid-data tal-14 ta' Mejju, 2010 'il quddiem u dan stante li l-incertezza dwar jekk ir-rikorrent kienx jinghata l-pozizzjoni jew le lura fis-sena 2012 b'effett mis-sena 2010 ikkreata listess Korporazzjoni u hadd aktar w'ghaliha ghandha taghmel tajjeb l-istess Korporazzjoni (dan bl-ebda mod ma ghandu jinftiehem li din il-Qorti qed teskludi l-possibilita' li amikevolment fuq termini miftehma bejniethom, il-partijiet jaslu ghall-ftehim sabiex ir-rikorrent jinghata effettivament il-pozizzjoni ta' 'shiftleader').*

Fil-kawza *Publius Davison u De La Rue Currency and Security Print Limited*[10] li kienet titratta dwar kumpens ta' tkeccija ingusta, il-Qorti tal-Appell irriteniet li:

*19. Mill-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 hu evidenti li l-kumpens li qeghda tikkontempla l-ligi huma danni kemm reali u futuri.*

*20. Is-somma li jippretendi r-rikorrent tikkonsisti fis-segwenti: (i) telf ta' salarju sakemm sab impieg ieħor; (ii) id-differenza bejn is-salarju li kellu mas-soċjetà appellata u s-salarju li pperċepixxa fl-impieg sussegwenti tiegħu; (iii) telf ta' benefiċċju għat-tmiem tal-impieg li kien intitolat għalih meta jirtira minn mas-soċjetà appellata.*

Illi it-Tribunal ma jarax ghaliex fil-kaz odjern ma juzax direzzjoni simili ghal-hlas ta' kumpens hekk kif jirrizulta car d-diskriminazzjoni li saret fil-konfront tal-istess rikorrent u dan hekk kif dikjarat mill-Qorti tal-Appell. Il-Tribunal jerga jaghmel referenza ghal mistoqsija li saret lil l-Ing. Gauci:

| | |
|---|---|
| *Dr. L. Cuschieri:* | *U l-ahhar mistoqsija, l-pozizzjoni ta' dan il-livell tan-9 huwa available li jinghata, jigifieri ha jkun jista' jinghatalu? Fizikament jista' jinghatalu* |
| *Ing. P. Gauci:* | *Iva*[11] |

Jirrizulta illi ghalkemm l-Ing. Gauci fix-xhieda tieghu qal li fizikament l-iskala 9 setghet tinghata lir-rikorrent, effettivament kienet ghadha ma inghatatlux, ghaldaqstant it-Tribunal jillikwida l-ammont ta' €18,200 bhala kumpens ta' diskriminazzjoni li saret il-konfront tal-istess rikorrent, liema ammont jirrifletti *basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances* li kienu dovuti lilu mis-sena 2010 sa Dicembru 2020.

[10] Appell Nru: 40/2016AE, deciza 23 ta' April, 2018.
[11] A fol 298, xhieda datata 11 ta' Jannar, 2021.

## 6. Decide

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent stante li deciza.

Jilqa' it-tieni talba billi jillikwida l-ammont ta' tmintax-il elf, mitejn u zewg Ewro (€18,202) liema somma tirrifletti dak dovut mis-sena 2010 sas sena 2020, b'dana illi jekk il-Korporazzjoni intimata tat il-post fi skala 9 qabel id-data tas-sentenza, s-somma likwidata ghandha tinkludi wkoll l-arretrati ta' *total basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances* sa dik id-data u jekk il-Korporazzjoni intimata tkun ghadha ma tatx il-posizzjoni f'livell 9 lir-rikorrent sad-data tas-sentenza, s-somma likwidata ghandha tinkludi wkoll l-arretrati ta' *total basic salaries*, l-arretrati, l-*overtime* u l-*allowances* sad-data tas-sentenza, filwaqt li tordna lil-Korporazzjoni EneMalta sabiex taghti l-posizzjoni fuq livell 9 lir-rikorrent fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jekk il-post huwa disponibbli.

Jilqa' t-tielet talba billi jikkundanna lil-Korporazzjoni EneMalta ihallas s-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u zewg Ewro (€18,202) bhala kumpens ta' diskriminazzjoni li saret fil-konfront tal-istess rikorrent.

Jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmata)

**Dr Marouska Debono**

**Chairperson**

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja